THE POINT SHOPPING MALL

Tigné Mall plc, The Point Shopping Mall,
Management Suite, Tigné Point, TP 01, Malta

T. (+356) 2247 0300 | WWW.THEPOINTMALTA.COM

**AVVIŻ LILL-AZZJONISTI**

**LAQGĦA ĠENERALI STRAORDINARJA**

XXXXX
XXXXX
XXXXX

| | |
|---|---|
| Nru MSE | XXXXX |
| Nru ta' Ishma | XXXXX |

Dan huwa avviż li se ssir Laqgħa Ġenerali Straordinarja ta' Tigné Mall p.l.c. (il-"Kumpanija") fil-Management Suite, The Point Shopping Mall, Tigné Point, Sliema, Malta nhar il-Ġimgħa 17 ta' Jannar 2025 fid-09:30 hrs (il-"Laqgħa") biex tiġi kkunsidrata, u jekk titqies xierqa, tiġi approvata r-riżoluzzjoni elenkata hawn taħt:

**Tneħħija minn fuq is-suq regolat tal-kapital azzjonarju kollu maħruġ tal-Kumpanija**

*"Li, f'konformità mall-proċeduri speċifikati fir-Regoli tas-Swieq Kapitali 1.22.2 u 1.22.3, skont l-Appendiċi 1.1 għall-Kapitolu 1 tar-Regoli tas-Swieq Kapitali u r-Regoli tas-Swieq Kapitali 1.22–1.26, u b'effett minn dik id-data u l-ħin hekk kif jista' jiġi determinat flimkien mal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji u l- Borża ta' Malta, it-tneħħija minn fuq is-suq regolat, u għalhekk, minn fuq il-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta, tal-kapital azzjonarju kollu maħruġ tal-Kumpanija, tiġi u hija approvata, u l-Bord tad-Diretturi tal-Kumpanija jiġi u huwa b'dan awtorizzat u mogħti s-setgħa li jieħu l-passi kollha meħtieġa, u li jeżegwixxi d-dokumenti kollha meħtieġa, biex jattwa t-tneħħija minn fuq is-suq regolat, u għalhekk minn fuq il-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta tal-kapital azzjonarju kollu maħruġ tal-Kumpanija."*

B'ordni tal-Bord.

Dr Maria Formosa Bonello
Segretarja tal-Kumpanija

23 ta' Diċembru 2024

SAMPLE

**JEKK JOGĦĠBOK IPPREŻENTA DAN ID-DOKUMENT FLIMKIEN MA' MEZZI ADEGWATI TA' IDENTIFIKAZZJONI GĦAL REĠISTRAZZJONI.**

SAMPLE

## Noti

i. *Dan l-Avviż lill-Azzjonisti qed jintbagħat lill-azzjonisti kollha rreġistrati fir-Reġistru tal-Membri tal-Kumpanija miżmum mil-Central Securities Depository tal-Borża ta' Malta fl-għeluq tan-negozju nhar t-18 ta' Diċembru 2024 (Record Date) (l-"Azzjonisti"). Dawk l-Azzjonisti rreġistrati fir-Reġistru tal-Membri tal-Kumpanija fir- Record Date biss għandhom id-dritt jirċievu avviż, jipparteċipaw u jivvutaw fil-Laqgħa.*

ii. *Azzjonist jista' jipparteċipa u jivvota fil-Laqgħa billi jattendi personalment jew billi jaħtar prokuratur. Il-prokuratur m'għandhux għalfejn ikun membru tal-Kumpanija.*

iii. *Azzjonist jista' jipparteċipa permezz ta' prokura billi jimla u jiffirma l-Formola tal-Prokura annessa ma' dan l-Avviż lill-Azzjonisti. Il-Formola tal-Prokura flimkien ma prokura jew awtorità, jekk hemm, taħt liema tkun iffirmata jew kopja tal-prokura jew awtorità ċertifikata minn nutar pubbliku, avukat jew prokuratur legali għandhom jiġu depożitati fl-uffiċċju rreġistrat tal-Kumpanija mhux inqas minn tmienja u erbgħin (48) siegħa qabel il-ħin appuntat għall-Laqgħa li fiha se ssir il-votazzjoni. Fejn jiġu preżentati żewġ strumenti jew aktar ta' prokura validi iżda differenti fir-rigward tal-istess sehem, dik li tiġi ppreżentata l-aħħar (irrispettivament mid-data indikata jew mid-data tal-eżekuzzjoni tagħha) tissostitwixxi u tħassar l-oħrajn fir-rigward ta' dak s-sehem. Jekk il-Kumpanija ma tkunx tista' tiddetermina liema kienet ppreżentata l-aħħar, l-ebda waħda minnhom ma tiġi ttrattata bħala valida fir-rigward ta' dak s-sehem. Il-kunsinna tal-Formola tal-Prokura ma teskludix lil-membru milli jattendi l-Laqgħa u jivvota personalment.*

iv. *Skont il-paragrafu 3 ta' l-Appendiċi 1.1 għall-Kapitolu 1 tar-Regoli tas-Swieq Kapitali maħruġ mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji, ir-riżoluzzjoni għat-tneħħija minn fuq is-suq regolat tal-kapital azzjonarju maħrug tal-Kumpanija trid tittieħed permezz ta' votazzjoni msejħa esklussivament għal dan l-iskop. Tali riżoluzzjoni (i) teħtieġ l-approvazzjoni tal-azzjonisti rappreżentati u intitolati jivvutaw fil-Laqgħa li flimkien għandhom mhux inqas minn ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-valur nominali tal-kapital azzjonarju maħruġ mill-Kumpanija; u (ii) ma tkunx miċħuda mill-azzjonisti rappreżentati fil-Laqgħa li għandhom ħamsa fil-mija (5%) jew aktar tal-valur nominali ta' l-ishma maħruġa mill-Kumpanija.*

v. *Għall-iskopijiet tal-votazzjoni, kull azzjonist ser jitqies li jkollu vot wieħed (1) għal kull sehem miżmum.*

vi. *Kull Azzjonist għandu d-dritt jistaqsi mistoqsijiet li huma pertinenti u relatati mar-riżoluzzjoni li qed tiġi kkunsidrata fil-Laqgħa u li dawn il-mistoqsijiet jiġu mwieġba mid-Diretturi jew minn persuna oħra kif id-Diretturi jistgħu jiddelegaw għal dak l-iskop, suġġett għal kwalunkwe miżura raġonevoli li l-Kumpanija tista' tieħu biex tiżgura l-identifikazzjoni tal-Azzjonist. Il-Kumpanija tista' tipprovdi tweġiba waħda ġenerali għal mistoqsijiet li għandhom l-istess kontenut.*

vii. *Ir-riżoluzzjoni proposta li għandha tiġi kkunsidrata u vvutata fil-Laqgħa hija inkluża bħala parti integrali ta' dan l-Avviż lill-Azzjonisti.*

viii. *Memorandum ta' spjegazzjoni qed jiġi ċċirkolat flimkien ma' dan l-Avviż lill-Azzjonisti.*

ix. *It-test sħiħ u mhux imqassar tad-dokumenti sottomessi fil-Laqgħa, sakemm mhux imqassam lill-Azzjonisti, ser jkun disponibbli fl-uffiċċju rreġistrat tal-Kumpanija u fuq il-paġna tar-relazzjonijiet mal-investituri (Investor Relations) tal-websajt tal-Kumpanija www.thepointmalta.com.*

x. *Id-dħul għall-Laqgħa huwa soġġett għall-preżentazzjoni ta' dan l-Avviż lill-Azzjonisti flimkien ma' mezzi adegwati ta' identifikazzjoni. Ir-reġistrazzjoni tal-Azzjonisti tibda fid-09:00 hrs.*

xi. *Kopja ta' dan l-Avviż lill-Azzjonisti, il-Memorandum ta' Spjegazzjoni u informazzjoni oħra dwar il-Laqgħa hija disponibbli fuq il-paġna tar-relazzjonijiet mal-investituri (Investor Relations) tal-websajt tal-Kumpanija. www.thepointmalta.com.*